MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2332/2004

**Panta Marketing & Services Limited (C-1123)**
**vs**
**Eugene Khorcilov**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tnejn u tletin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm632.12), bilanc parti minn somma akbar, rapprezentanti prezz fuq bejgh, konsenja u nstallazzjoni ta' sistema ta' « airconditioning unit» lill-konvenut mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-avviz, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-19 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma giet**

**prezentata risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u tnejn u tletin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm632.12), bl-imghax legali mis-17 ta’ Mejju, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------